## 1.7 Il-vuċi t'Alla fil-bniedem.

Il-liġi li tana Alla mhix 'il bogħod minna. Qiegħda fina stess! Insejħulha *kuxjenza*. Il-kuxjenza hija l-vuċi t'Alla li nħossu fina: u li tgħinna nagħrfu x'għandna nagħmlu u x'għandna nevitaw biex nieħdu deċiżjonijiet tajbin.

Irridu nitgħallmu nisimgħu dan il-leħen ġo fina. Il-kuxjenza rridu niffurmawha bit-tagħlim li nirċievu u bid-dawl u d-direzzjoni li jagħtuna f'ħajjitna l-Knisja, il-ġenituri, is-saċerdoti, il-katekisti, l-għalliema u nies oħrajn li jgħinuna nkunu Nsara aħjar.

Il-kuxjenza tgħinna nġibu ruħna kif kien iġib ruħu Ġesù kieku kellu jkun fl-istess sitwazzjoni tagħna. Għalhekk, meta nkunu se nieħdu xi deċiżjoni, nistaqsu lilna nfusna, "Kieku Ġesù kien minfloki, x'kien jgħid? X'kien jagħmel?" It-tweġiba sinċiera tgħinna nsiru nixbhu aktar lil Ġesù u allura tgħinna nitbiegħdu minn kull ħażen li jifridna minn Alla, minna nfusna, u mill-oħrajn. Il-formazzjoni tal-kuxjenza hija xi ħaġa li fuqhna n-Nisrani jrid jaħdem ħajtu kollha.